

**Brussell, 17 ta' Ġunju 2025
(OR. en)**

9643/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0372 (CNS)**

**AG 78
PE 29**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni) - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni) – (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"proposta")¹. Din il-proposta hija waħda mill-elementi tal-pakkett dwar "Id-Demokrazija u l-Integrità tal-elezzjonijiet tal-UE" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Pakkett dwar id-Demokrazija")².

¹ 14376/21 + ADD 1 sa 4.

² 14369/21.

2. L-Artikoli 20(2)(b) u 22(2) TFUE u l-Artikolu 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprevedu li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom id-dritt li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat. L-Artikolu 22(2) TFUE jipprevedi li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt għandu jkun soġġett għal arranġamenti dettaljati adottati mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament skont proċedura leġislattiva speċjali u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-28 ta' April 2022.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2023.
5. Saret analiżi dettaljata tal-proposta fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG). Abbażi ta' dan l-eżami, il-Presidenza ħarġet test ta' kompromess li jinsab fid-dokument 8773/24.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil fil-prinċipju dwar dak it-test fl-24 ta' April 2024, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti. Tnieda proċess ġdid ta' konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew minħabba l-bidliet sostantivi introdotti meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni.
7. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ġunju 2025³, u ma għamel l-ebda bidla għat-test tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 8773/24.
8. Ir-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti tlestiet; it-test finali jinsab fid-dokument 9789/24 REV 1.

³ A10-0090/2025.

II. KONKLUŻJONI

9. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta t-test tad-Direttiva li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni) kif jinsab fid-dokument 9789/24 REV 1 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
-